**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 8 – 3 ta' Settembru 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 7. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Coordinator, Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-kondoljanzi tiegħu lill-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista minħabba li dawn ġarbu telfa ta' persuna fil-kumitat tagħhom u sabiex jiftakru fih fit-talb tagħhom.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 7 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera.

1.2. Paġna 68, punt 2.3.3. il-frażi "jiġi mpjegat għal 12 il-siegħa fil-ġimgħa" tinbidel u tiġi "jiġi mpjegat għal 13 il-siegħa fil-ġimgħa".

1.3. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab li ma' punt 2.3 jiżdiedu dettalji dwar il-mod kif kien kompost il-bord tal-għażla, jiġifieri l-Viċi Sindku Thomas Agius bħala chairman, il-Kunsillier Roderick Aquilina, is-Segretarju Eżekuttiv u s-sur Joe Debattista bħala rappreżentant tac-Central Public Library.

1.4. Il-Kunsillier Roderick Aquilina ressaq mozzjoni sabiex il-minuti jiġu approvati hekk kif emendati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati b' mod unanimu (32).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal artiklu li deher fuq il-ġurnal il-Mument mill-Onor. Philip Mifsud fejn l-Onorevoli Philip Mifsud maqdar l-operat tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku Thomas Agius poġġa fuq il-mejda kopja tal-artiklu għall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku spjega li dan l-artiklu li jitkellem dwar is-sitwazzjoni ta' Ħal Mula u tal-Grazzja u skond il-Viċi Sindku l-artiklu huwa mmirat li l-ewwel nett iweġġa l-Perit tal-Kunsill li fl-aħħar mill-aħħar jirrapreżenta l-Kunsill u kif jaraha hu min irid iweġġa xi ħadd mill-Kunsill huwa dover tal-Kunsill li jiddefendieh jekk ma hemm xejn x' wieħed jaħbi. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li meta ftit taż-żmien ilu nqalat il-problema ta' Ħal Mula l-Onor. Philip Mifsud kien qal li l-Kunsill kien mexa sew iżda issa wara ftit il-Kunsill jinsab fit-tort.

2.1.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa kien qiegħed iwiegħed li sal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ikellem lill-Onor. Philip Mifsud u jirraporta lill-Kunsill it-twegiba tal-Onor. Mifsud.

2.1.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li meta l-Onor. Philip Mifsud għen lill-Kunsill bl-intervent tiegħu mal-Onor. Chris Said, huwa pubblikament kien faħħar lill-Perit Mifsud tal-għajnuna tiegħu mingħajr ebda problema. Is-Sindku kompla jgħid li f' dan l-artiklu dak li qiegħed idejqu huwa li f' ċertu sens f' dan l-artiklu l-Onor. Mifsud kien qiegħed iqabbel il-proġett tal-PPP tal-Kunsill ma dak li ġara ġewwa l-Mosta u bl-ebda mod ma jista l-Kunsill jiġi mqabbel mal-Mosta jew Kunsilli oħra fejn xogħolijiet ta' toroq ingħataw b' direct order tas-Sindku. Is-Sindku spjega li x-xogħol kollu li qiegħed isir sar b' deċiżjoni unanima ta' Kunsill, wara li nħarġu sejħiet għal tenders, wara li

dawn it-tenders ġew evalwati kemm mill-Perit tal-Kunsill kif ukoll mill-bord tal-aġġudikazzjoni u l-Kunsill ħa deċiżjoni skond dawn ir-rapporti u kollox ġie approvat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u fid-dawl ta' dan ħadd ma jista jgħid li hu bħala Sindku ħa xi deċiżjoni minn wara dar il-Kunsill.

2.1.4. Il-Kunsillier Dncan Bartolo kkummenta li kien propju sabiex jiġu evitati akkużi simili li l-Kunsill preċedenti appuntat bord tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tenders.

2.2.1. Il-Kunsillier Duncan Bartolo għamel referenza għal punt 2.5 tal-minuti u talab li jkun jaf jekk l-ittra saritx u jekk le għal fejn.

2.2.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa tkellem ma' xi ħadd ta' Transport Malta u għadda l-ilment tal-Kunsill imma ma jidirlux li hu għandu jieħu xogħol is-segretarju tal-Kunsill billi jikteb xi ittra.

2.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ma kien hemm ebda deċiżjoni ta' Kunsill sabiex hu jikteb l-ittra f'isem il-Kunsill. Is-Segretarju kompla jgħid li huwa ma setax jikteb ittra f' isem il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista.

2.2.4. Il-Kunsillier Duncan Bartolo għamel referenza għal minuti fejn kien hemm imniżżel ċar li kien hemm qbil li l-Kunsillier Aquilina bħala minority leader jikteb lill-Prim Ministru f' isem il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista sabiex jitlob l-intervent tiegħu.

2.2.5. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa diġa spjega l-pożizzjoni tiegħu fejn qal li ma kienx xogħolu li jikteb din l-ittra, għax jekk jagħmel żball hu kien jeħel hu.

2.2.6. Il-Kunsillier Bartolo qal li ma jafx għala l-Kunsillier Aquilina kellu problema jikteb din l-ittra. Il-Kunsillier Bartolo qal li fil-passat dan kemm il-darba sar b' riżultati tajbin.

2.2.7. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien importanti li wieħed jistabilixxi x' ġara. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien sab ruħu f' sitwazzjoni ta' '*bottleneck*' u l-Kunsill George Cortis kien issuġġerixxa li bħala Kunsilliera li jirrappreżentaw il-partit fil-gvern, jiktbu ittra sabiex isir *lobbying* għan-nom taż-Żebbuġin kollha. Is-Sindku kompla jgħid li din kienet inizjattiva tajba ta' Kunsillier tan-naħa tal-Partit Nazzjonalista u jekk issa l-Kunsillier Aquilina kien qiegħed imur lura minn dak il-ftehim jgħid li kien qiegħed imur lura.

2.2.8. Il-Kunsillier George Cortis qal li diżappuntat fuq il-fatt li ma nkitbitx l-ittra u mweġġa wkoll għax fil-passat ġieli kien hemm każijiet fejn il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista għalkemm fil-minoranza kitbu lill-awtoritajiet sabiex jgħinu lill-Kunsill u ħafna drabi dan sar b' ċertu suċċess. Il-Kunsillier George Cortis qal li bħala kunsilliera huma qegħdin hemm bħala forċina

taż-Żebbuġin u ħadd iktar, la forċina tas-Sindku u lanqas forċina ta' ħaddieħor. Il-Kunsillier Cortis qal li jekk jimxi sew is-Sindku dan isib l-appoġġ tiegħu iżda jekk dan jimxi ħażin ma kienx se jsib l-appoġġ tiegħu bħalma ġieli sar fil-passat ma' Sindki oħrajn.

2.2.9. Il-Kunsillier George Cortis qal li wieħed ma jistax jaħsel idejh bħal Pilatu u n-nies jitħallew igergru. Il-Kunsillier Aquilina wieġeb li sfortunatament wieħed hekk ikollu jagħmel. Il-Kunsillier Cortis qal ukoll li mweġġa wkoll minħabba l-misinformazzjoni li teżisti fost il-pubbliku. Il-Kunsillier Cortis qal li kien hemm bżonn li r-residenti jiġu nfurmati sewwa. Il-Kunsillier Cortis qal li għalkemm huwa kien leali lejn il-Partit tiegħu huwa kien konvint li madwar il-mejda tal-Kunsill Ħaż-Żebbuġ jiġi l-ewwel.

2.2.10. Is-Sindku Alfred Grixti qal li anke hu kien ilu jisma ħafna affarijiet u lilu kien jasallu kollox, min qed jgħidu, fejn qed jgħidu u ma' min qed jgħidu u ta' kollox kien iżomm nota u meta jasal il-waqt jieħu l-azzjonijiet li għandu jieħu bħalma diġa ħa azzjoni fil-konfront ta' persuna li tkun ġewwa ċ-ċentru tal-Partit Nazzjonalista li qal fil-presenza tal-Kunsillier Cortis li l-Kunsilliera kienu kollha ħallelin u min jaf kemm serqu fuq il-monument tal-vittmi tan-nar. Is-Sindku Alfred Grixti qal li meta xi ħadd jattaka lis-Sindku dan ikun qiegħed jattakka lill-Kunsill kollu u lill-Kunsill kollu huwa jiddefendieh għax għalkemm ikun hemm drabi fejn ma jaqblux, sa fejn jaf hu madwar il-mejda ma kellux ħallelin.

2.2.11. Is-Sindku Alfred Grixti qal li rigward l-ittra li kellha ssir, kien hemm min offra l-id tal-ħbiberija, u issa wieħed ra din l-offerta x' sar minnha.

2.2.12. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li jekk il-kunsilliera xtaqu li l-ittra ssir din tista ssir bejnu u bejn is-Sindku ħalli jekk isir xi żball ħadd ma jipponta subgħajh lejh.

2.2.13. Il-Kunsillier Duncan Bartolo qal li minn din is-sitwazzjoni huwa jifhem li l-Kunsillier Aquilina mhux lest li joħroġ għonqu għaż-Żebbuġin. Il-Kunsillier Aquilina ċaħad dan il-kumment.

2.2.14. Il-Kunsillier Philip Said qal li jekk wieħed jimxi bil-preċedent, meta ntervjena l-Onor. Philip Mifsud, kien huwa li ntervjena u anke ngħata l-mertu tal-għajnuna li ta' lill-Kunsill.

2.2.15. Il-Kunsillier Roderick Aquilina wieġeb li huwa kien qiegħed jara affarijiet fil-konfront tiegħu li ħabba fihom irid joqgħod attent ħafna u għalhekk irid jissalvagwardja lilu nnifsu. Il-Kunsillier Aquilina qal li ma jistax ikun ikompli jaqla kollox hu qisu kull ma jagħmel hu kollox ħażin. Il-Kunsillier Aquilina qal li hu jekk jara xi ħaġa ħażina huwa kien se jitkellem. Is-Sindku Alfred Grixti qal li ħadd ma qallu biex ma jitkellimx. Il-Kunsillier Aquilina wieġeb li min jitkellem jintefa fil-ġenb u min ma jitkellimx jiġi ħabib tas-Sindku. Is-

Sindku qal li dan ma kienx minnu u fil-Kunsill qatt ħadd ma mexa bl-uċuh, u min irid u lest li jaħdem jitħalla jagħmel dan. Il-Kunsillier Aquilina għamel referenza għal-laqgħa li suppost kellu mas-Sindku biex jitkellem dwar id-dekasteru tiegħu u li kien ilu minn Lulju jistenna din il-laqgħa. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li jidher li l-Kunsillier Aquilina ma fehemx x' kellu jsir għax il-Kunsilliera l-oħra kollha kienu ilhom li ltaqgħu miegħu u bdew il-ħidma tagħhom.

2.3. Il-Kunsillier George Cortis għamel referenza għall-attività tat-tberik tal-annimali li kien hemm il-Ħadd ta' qabel. Il-Kunsillier Cortis qal li din l-attività kienet suċċess u xtaq jirringrazzja lil kull min ta' s-sehem tiegħu. Il-Kunsillier Cortis xtaq jiċċara li l-għażla tal-post fejn issir l-attività kien tal-organizzaturi tal-wirja tal-klieb u mhux tal-Kunsill minħabba d-dell. Il-Kunsillier Cortis xtaq jirringrazzja wkoll lil ħuħ li b' mod volontarju offra li jgħin billi jiħbor il-ħmieġ tal-bhejjem.

2.4. Il-Kunsilliera Catherine Sammut daħlet għal-laqgħa fis-7.10pm.

2.5.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punti 2.6.1. sa punt 2.6.19., f' paġna 68 fejn hemm rapport tal-laqgħa li saret mas-sur Charles Bonello, segretarju privat tal-Prim Ministru. Is-Sindku spjega li ftit jiem wara li kien hemm il-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-kuntrattur fejn dan informa lill-Kunsill li ma kienx se jkompli x-xogħolijiet qabel ma jitħallas l-ammonti dovuti lilu skond il-kuntratt fuq ix-xogħol li diġa hemm lest. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa wieġeb lill-kuntrattur li l-Kunsill kien għadda lura l-performance guarantee abbażi tal-program of works li l-kuntrattur issottometta lill-Kunsill u li skond dan il-program of works il-kuntrattur kien qiegħed jaqa lura fix-xogħolijiet u rigward il-pagamenti li kien qiegħed jitlob informa lill-kuntrattur bil-ħidma li kienet qegħdha ssir mill-Kunsill sabiex jingħata l-fondi dovuti lilu mill-Gvern Centrali. Is-Sindku spjeha li kopja ta' din l-ittra kienet intbagħtet lis-sur Charles Bonello wkoll.

2.5.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li b' reazzjoni tal-ittra li ntbghatet il-Kunsill irċieva żewġ risposti. Waħda mill-kuntrattur li qal lill-Kunsill li hu bħal kuntrattur lill-Kunsill kien jaf u mhux lid-Dipartiment u allura ma kienx biżżejjed għalih konferma mid-Dipartiment li l-Kunsill kellu jieħu l-flus. U ittra oħra mingħand is-sur Charles Bonello indirizzata lis-sur Pio Farrugia fejn is-sur Bonello qiegħed jitlob lis-sur Farrugia sabiex jipproċessa mmedjatament il-pagamenti dovuti lill-Kunsill jekk id-dokumentazzjoni meħtieġa kienet ġiet sottomessa. Is-Sindku kompla jgħid li dakinhar stess is-sur Farrugia kien bagħat email jinforma lill-Kunsill li l-pagament kien qiegħed jiġi proċessat u baghat ukoll l-payment vouchers tagħhom.

2.5.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fit-23 ta' Awissu 2012 daħlu fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill s-somma ta' €100,000 fuq Vjal il-Ħelsien u €69,702.55 għall-Public Private Partnership. Is-Sindku Alfred Grixti qal li

kien b' sodisfazzjon li kien jinsab f' pożizzjoni li jgħid li bis-saħħa biss tal-Kunsill għax il-Kunsill dejjem mexa sew, meta l-Kunsill ħabbat il-bieb, il-bieb infetaħlu. Dan sar ming]ajar l-għajnua ta' hadd iżjed inkluż min wiegħed li ħa jgħin u ma għenx. Huwa rringrazzja lil min għen biex dak il-bieb jinfetaħ b' mod partikolari lill-Konsulent tal-Marketing u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-għajnuna li taw sabiex ġew assikurati dawn il-fondi.

2.5.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa propona lill-kuntrattur li jekk dakinhar tal-laqgħa tal-Kunsill jara l-inġenji l-Kunsill jirrilaxxalu il-pagament li kien dovut lilu anke fid-dawl tal-problemi ta' cash flow li għandu l-kuntrattur. Fid-dawl ta' dan u tal-fatt li l-kuntrattur onora l-ftehim tiegħu u kompla bix-xogħolijiet huwa kien qiegħed jipproponi li l-Kunsill japprova l-ewwel pagament ta' 40% tal-valur tat-tieni sett ta' xogħolijiet li ġew ċertifikati mill-perit tal-Kunsill (Triq in-Newl, Triq it-Taqtigħa, Triq il-Poeta Nazzjonali, Triq il-Watar, Triqi l-Fraxxnu, Triq il-Fuqqanija, Triq Gulliermo Lorenzi u Triq Abraham Gatt) li tammonta għal €72,088.60.

2.5.5. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ikkummenta li xtaq li jkun hemm rappreżentat tal-Kunsill għal laqgħa li saret mal-Water Services Corporation. Is-Sindku wieġeb li minħabba l-urġenza tal-laqgħa huwa ta' struzzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv biex jorganizza din il-laqgħa bejn il-kuntrattur u WSC sabiex jiġu solvuti problemi li kienu ilhom pendenti.

2.6.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-ġimgħa ta' qabel talab laqgħa miegħu l-perit ta' Ritemix Ltd, Stuart Azzopardi. Is-Sindku spjega li f' din il-laqgħa ġiet diskussa l-fażi li jmiss tal-proġett li hija dik tat-tqaxxir tat-triq, il-bini tal-bażi tat-triq u t-tarmac. Is-Sindku spjega li skond dak li kkalkulaw hemm madwar teltt ġimgħat xogħol jekk ma jinqala xejn, allura talbu laqgħa sabiex jiġi diskuss it-traffic management tal-proġett. Is-Sindku kompla jgħid li t-traffic management tal-proġett irid jiġi approvat minn Transport Malta anke minħabba l-operat tas-servizz tal-Arriva. Is-Sindku spjega li skond pariri tekniċi kien ideali li t-triq tkun magħluqa kollha sabiex it-tqaxxir, it-type 1 u t-tarmac isir kollu f' daqqa. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fid-dawl ta' dan kiteb b' urġenza kemm lil Transport Malta u lill-Ministeru tat-Trasport sabiex jiġi diskuss dan l-għeluq b' tali mod li l-inkonvenjent li se jinħoloq jaffetwa mill-inqas lill-pubbliku.

2.6.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li min qiegħed ipeċlaq fil-vojt li l-Kunsill m' għandux flus biex ikompli Vjal il-Ħelsien, ikun jaf li l-Kunsill għandu flus u li bil-kuntatti tal-Kunsill u tal-Kunsill biss, il-gvern għadda l-pagament ta' €100,000 li kien imissu jgħaddi lill-Kunsill.

2.6.3. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Alfred Grixti ressaq proposta sabiex il-Kunsill japprova l-pagament ta' €72,088.60 lill-kumpanija Bonnici Bros kif ukoll il-pagament ta' €100,000 lill-kumpanija RiteMix fuq Vjal il-Ħelsien. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata (33).

2.7.1. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jkun jaf jekk is-Sindku kienx infurmat li huwa kien kellem lill-Partit tiegħu u li dawn kellmu lill-Uffiċju tal-Prim Ministru. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li dan ma jirriżultalux. Il-Kunsillier Aquilina qal li kumbinazzjoni iċ-ċifra li l-Gvern għadda lill-Kunsill kienet eżatt dik li huwa kien ikkalkula meta wieħed iqis li x-xogħol fuq Vjal il-Ħelsirn kien fit-tieni sena tiegħu, u din il-€100,000 ma ġietx mill-arja. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li dan il-kumment ma kienx fattwali għax il-kuntrattur beda dan ix-xogħol f' Jannar tas-sena 2012 u l-ammonti kollha dovuti mill-gvern kienu dokumentati minn qabel.

2.7.2. Il-Kunsillier George Cortis qal li huwa maħsud b' dak li qiegħed jgħid il-Kunsillier Aquilina għax allinqas seta' jara li jinforma lill-Kunsilliera sħabu tal-Partit Nazzjonalista. Il-Kunsillier Aquilina wieġeb li ma kienx hemm laqgħat fejn jinfurmahom u l-Kunsillier Cortis wieġbu li l-laqgħat ma sarux b' kapriċċ tiegħu. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li l-laqgħa tal-Kunsill ma kienx il-post adattat fejn jiddiskutu affarijiet interni u ta' bejniethom.

2.7.3. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kull min qiegħed madwar il-mejda jista jasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Huwa kompla jgħid li ma jistax jifhem kif issa l-Kunsillier Aquilina qiegħed jgħid li kiteb l-emails meta qabel kien qal li ma riedx jikteb ħalli ma jmurx jinqabad f' xi żball. Il-Kunsillier Aquilina qal li wieħed ma jistax iħallat ittra pubblika ma email għax email ma kienitx dokument uffiċjali. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill ħadem kif għandu jaħdem u issa sta għall-poplu li jiġġudika l-mod kif il-Kunsillier Aquilina tkellem mill-bidu tal-laqgħa sa issa u l-mod kif ħadem u tkellem il-Kunsill mill-bidu ta' din il-ġrajja s'issa.

2.8. Il-Kunsillier Cain Grech daħal għal-laqgħa fit-8.05pm.

2.9. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li hekk kif spjega fil-bidu tal-laqgħa saru arranġamenti sabiex il-membri tal-bord tal-evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tat-tenders ikunu preżenti għal-laqgħa. Is-Sa indku spjega li Dr. Stefan Vella kien preżenti għal-laqgħa, ic-chairman Paula Valletta nfurmat lis-Segretarju li kellha nċident bil-karozza relatat mal-maltemp li

kien hemm, is-sur Joe Cutajar u n-Nutar Philip Ellul avżaw li ma setgħux jattendu filwaqt li sur Anton Micallef kellu jattendi iżda ma ġiex. Dr. Stefan Vella ntroduċa ruħu lill-Kunsilliera.

2.10.1 Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li waħda mill-proposti li qegħdha tiġi diskussa sabiex tiġi mressqa lil Transport Malta u li diġa ġiet imressqa lill-Ministru tat-Trasport hija dik li l-venda tiċċaqlaq ħdejn Bieb de Rohan u jkun hemm shuttle service. Il-Kunsilliera Catherine Sammut resqet suġġeriment li jintużaw il-karozzi tal-Arriva miż-żgħar. Is-Sindku wieġeb li din kienet waħda mis-soluzzjonijiet li kien qiegħed jikkunsidra l-Kunsill.

2.10.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilna staqsa jekk kienux infurmati l-ħwienet li Vjal il-Ħelsien se tkun magħluqa għal tlett ġimgħat. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li dawn jiġu nfurmati wara li jiġu konklużi d-diskussjonijiet ma' Transport Malta. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li hi tipproponi li ssir laqgħa ma ta' ħwienet. Il-Kunsillier George Cortis qal li filwaqt li jaqbel li kemm is-sidien tal-ħwienet kif ukoll ir-residenti għandhom jinżammu nfurmati wieħed irid joqgħod attent jekk jorganizza laqgħa għax ma jistax ikun li jiġi kkuntentat kulħadd.

2.11. Is-Sindku Alfred Grixti qassam kopja tar-rendikonti finanzjarji dwar l-attivitajiet kulturali u l-isponsors li nġabru mis-settur privat. Is-Sindku spjega dan ir-rapport. (Kopja tar-rapporti mehmuża). Is-Sindku Alfred Grixti ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt li meta wieħed jikkunsidra l-isponsors u l-varji ftehim li laħaq il-Kunsill u jara l-infieq li kien hemm s' issa biex saru l-attivitajiet ippjanati mill-Kunsill wieħed jinduna li l-Kunsill qiegħed ferm il-bogħod milli jaqbeż il-budget li ġie allokat għalihom. Is-Sindku kompla jgħid li din hija risposta għal dawk il-persuni li joqgħodu jgħidu li l-Kunsill għandu l-flus għall-attivitajiet u mhux għal tiswijiet fit-toroq.

2.12. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet iktar informazzjoni dwar l-EFUS. Is-Sindku spjega l-ħidma tal-Kunsill fi ħdan l-EFUS u l-benefiċċji li din ġabet lill-Kunsill. Il-Kunsilliera Sammut ikkummentat li fl-opinjoni tagħha wara sitt xhur il-Kunsill għadu ma ħa xejn. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li din hija relazzjoni li tinbena biż-żmien u aktar ma taħdem fi ħdan l-EFUS aktar tista tibbenefika.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera b' korrispondenza li kellu mal-Onor. George Pullicino dwar il-proġett tan-National Stormwater Relief project. Is-Sindku spjega kif kellha tgħaddi l-mina minn taħt Ħaż-Żebbuġ u li għal bidu tal-proġett il-mina ma kienitx tkopri żoni bi problemi bħal ħdejn il-Lunzjata. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li waqt l-inawgurazzjoni taz-zuntier kellu l-opporunita li jitkellem mal-Onor. George Pullicino u talbu

sabiex il-mina titwal aktar lejn l-inħawi ta' Sant Antin u Tar-Ramel. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li kiteb lill-Ministru dwar dan u rċieva risposta mingħand is-segretarju privat tiegħu fejn wieġeb li l-estensjonijiet li ser isiru għandhom isolvu l-problemi indikati. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li jrid jiċċekja jekk din ir-risposta kienitx tfisser li l-estensjonijiet proposti mill-Kunsill kienux se jintlaqgħu kollha jew le.

3.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ingħata għotja ta' €466 bħala għajnuna għal-librerija mingħand id-Dipartiment.

3.3.1. Il-Kunsillier Roderick Aquilina għamel referenza għal skambju ta' emails li kien hemm bejn is-Sindku u Ms. Stephanie Slack residenta f' Ħal Mula. Il-Kunsillier Aquilina rrifera għal frażi tas-Sindku fejn dan qal li jekk trid Ms. Slack għandha dritt tfittex lill-Kunsill għad-danni u saqsa jekk jaħsibx li din il-frażi tistax tożloq preċedent.

3.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li Ms. Slack qaltlu li kawża tad-dewmien fix-xogħolijiet iggravatilha l-asthma u hu wieġeb li hi missha tfittex lill-Kunsill u qal hekk għax jekk hi tfittex lill-Kunsill imbagħad il-Kunsill jagħmel l-eċċezzjonijiet tiegħu u jdur fuq il-kuntrattur.

3.3.3. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf għala ċerti kummenti jitneħħew minn fuq il-paġna tal-facebook tal-Kunsill. Is-Sindku qal li ċerti kummenti tneħħew minħabba li kienu vulgari. Il-Kunsilliera Sammut qalet li mhux kull kumment li tneħħa kien vulgari għax ċerti kummenti kienu tagħha u ma kienux vulgari. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li sa fejn huwa nfurmat hu ma tneħħew l-ebda kummenti oħra imma kien se jinvestiga.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li m' għandha xejn kontra l-vot tal-flus iżda ċertu kuntratturi li jnaddfu hemm bżonn li jibdew jaħdmu għax hemm bżonn li x-xogħol isir bis-serjeta u jkun hemm tindif aħjar għax hemm wisq traskuraġni. Is-Sindku wieġeb li fejn tinġibed l-attenzjoni tittieħed azzjoni. Il-Kunsilliera Sammut wieġbet li ma hemmx għalfejn li tiġbed l-attenzjoni hi u l-kuntrattur jagħmel xogħolu sew mill-ewwel. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kwalunkwe kuntrattur jekk għandu bżonn li jingħata default notice jew li jitnaqqaslu mill-pagamenti isir dak li hemm bżonn.

4.3. Il-Kunsillier Catherine Sammut ġibdet l-attenzjoni għall-intejjen li hemm fil-public convenience. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li għalkemm ma kienx kuntent bil-livell ta' ndafa, l-irwejjaħ ma kienx tort sa barra tal-kuntrattur

imma hemm difett fil-mod kif qegħdha l-latrina u m' hemmx ventilazzjoni tajba.

4.4. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ġibed l-attenzjoni li fi Triq Patri Pelaġju Mifsud il-ħaxix ta' taħt il-bankini ma nqatax u meta jinqgħata dan ma jinġabarx bil-kosnegwenza li jtir.

4.5. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab li jkun jaf x' xogħol qiegħed isir kull xahar fil-kuntratt tal-maintenance tas-soft areas.

4.6. Il-Kunsillier Catherine Sammut ġibdet l-attenzjoni fuq il-fatt li l-knis mhux qiegħed isir sew.

4.7. Is-Sindku Alfred Grixti ressa l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Roderick Aquilina

Il-mozzjoni ġiet approvata (34).

## 5. AĠĠORNAMENT ĦAL MULA U VJAL IL-ĦELSIEN

5.1. Dan il-punt ġie diskuss aktar kmieni fil-laqgħa.

## 6. JUM ĦAŻ-ŻEBBUĠ (NOMINI)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar lill-Kunsilliera li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien hemm qbil li sa din il-laqgħa l-Kunsilliera jressqu n-nomini tagħhom għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

6.2. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Philip Said innomina lill-artist żgħażugħ Żebbuġi Andrew Micallef għax-xogħolijiet u l-ħiliet artistiċi tiegħu.

6.3. Is-Sindku Afred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Viċi Sindku Thomas Agius innomina lis-sur Jesmond Bonello artist ieħor Żebbuġi għall-ħidma tiegħu fl-arti speċjalment l-istatwi tal-wirja tal-mejda tal-Appostli tat-Talent Żebbuġi li saħansitra ġew imfaħra mill-President ta' Malta. Il-Kunsillier

Robert Tabone innomina lis-sur Joseph Micallef magħruf bħala tal-legion għal kontribut tiegħu fis-settur tal-volontarjat.

6.4. Il-Kunsillier Philip Said talab li l-Kunsill jikkunsidra li għal Jum Ħaż-Żebbuġ jirrikonoxxi l-ħidma u l-għajnuna ta' numru ta' studenti tal-mediċina li għenu lill-Kunsill fl-aħħar attivitajiet li ġew organizzati relatati mas-saħħa. Il-Kunsill qabel li jippreżentalhom ċertifikat ta' rikonoxximent.

6.5. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf x' inhu l-pjan għal Jum Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Duncan Bartolo spjega li l-pjan s' issa huwa li s-serata tinkludi l-premjazzjoni ta' Ġieħ Ħaż-Żebbuġ, it-tqassim ta' ċertifikati lil dawn l-istudenti tal-mediċina li propona l-Kunsillier Philip Said, it-tqassim ta' ċertifikati ta' parteċipazzjoni għall-parteċipanti tal-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ.

6.6. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat sabiex l-Events u Marketing Co-ordinator jispjega l-pjanijiet għas-serata ta' Jum Ħaż-Żebbuġ. Il-laqgħa ġiet sospiża fid-9.20pm u tkompliet fid-9.25pm.

6.7. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq in-nomini msemmija għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata (35).

## 7. TENDER GĦAL-CCTV CAMERAS U WI-FI F' ŻONI PUBBLIĊI

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li skond il-program ta' proposti li l-maġġoranza eletta mill-poplu hija marbuta bihom kien fadal biss dawn iż-żewġ punti; l-installazzjoni ta' CCTV cameras sabiex tiżdied is-sigurta urbana u l-installazjoni ta' wi-fi f' żoni pubbliċi. Is-Sindku spjega li huwa kien se jqabbad persuna teknika sabiex tipprepara t-tenders għal dawn is-servizzi u meta jkun lest se jressaqhom għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

7.2. Il-Kunsillier Cain Grech offra li bħala l-Kunsillier responsabli mill-I.T. joffri l-għajnuna tiegħu.

## 8. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti poġġa fuq il-mejda l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera u dawn għandhom jittieħdu bħala mpoġġija *(papers laid)* u mwieġba (Dokument A).

8.2. Is-Sindku Alfred Grixti poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tar-rapport tekniku tal-perit tal-Kunsill dwar il-kundizzjoni tat-toroq mhux urbani. Is-Sindku spjega f' xiex kien jikkonsisti r-rapport u qal li dan ir-rapport jindika li sabiex issir it-tiswija kollha neċessarja f' dawn it-toroq is-somma titla għal €1,334,052.33. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill m' għandux dawn il-flus imma dan ma kienx ifisser li l-Kunsill ma kienx se jidħol għal din l-isfida u jara minn fejn iġib l-għajnuna sabiex issir it-tiswija meħtieġa f' dawn it-toroq. Is-Sindku ddelega lill-Kunsillier Cain Grech sabiex jivverifika jistax il-Kunsill jaċċessa fondi tal-Unjoni Ewropeja.

8.3. Il-Kunsillier Cain Grech aġġorna lill-Kunsilliera dwar il-ħidma tal-Kunsill fuq proġett tal-Unjoni Ewropeja li l-Kunsill huwa partner fih mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop u Kunsilli Lokali oħrajn. Il-Kunsillier Grech spjega f' xiex kien jikkonsisti il-proġett u l-iżviluppi li kien hemm f' laqgħa li saret riċentament.

8.4.1. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar lill-Kunsilliera li kien hemm ftehim li sa din il-laqgħa jiġu sottomessi l-ismijiet ta' periti sabiex jagħmlu r-rapport dwar l-istat tat-toroq tal-Grazzja.

8.4.2. Il-Kunsillier Tabone innomina lill-Perit Anthony Muscat. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius.

8.4.3. Il-Kunsillier Roderick Aquilina innomina lill-Perit David Vassallo. Il-Kunsillier Aquilina spjega li l-Perit Vassallo huwa wieħed mill-ftit periti f' Malta li għandu Masters fit-toroq u kif ukoll jaf sew ir-rati tal-kuntratturi. Is-Sindku Alfred Grixti qal li filwaqt li għandu rispett kbir lejn il-Perit Vassallo huwa ma jixtieq li l-Kunsill jevita persuni b' konnessjonijiet politiċi. In-nomina tal-Kunsillier Aquilina ġiet sekondata mill-Kunsillier Philip Said.

8.4.4. Il-Kunsillier George Cortis innomina lill-Perit Mannnie Galea. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Roderick Aquilina.

8.4.5. Ittieħed vot fuq il-mozzjoni tal-Kunsillier Robert Tabone;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Cain Grech, u Robert Tabone.

**Dawk kontra;** Il-Kunsilliera Catherine Sammut

**Astensjonijiet;** Il-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis u Philip Said.

Il-mozzjoni ġiet approvata (36). Ġie deċiż li l-Perit Anthony Muscat jipprepara dan ir-rapport.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 4 ta' Ottubru fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.35pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv

## Mistoqsijiet tal-Kunsilliera – Agenda 8 (3 ta' Settembru 2012)

1. *Mistoqsijiet tal-Kunsillier Catherine Sammut (3 ta' Awwissu 2012)*

1. **B' referenza għal mistoqsija numru 3 fejn jien tlabt li l-Kunsilliera jirrevedu kull kuntratt mill-inqas xahara qabel ma jkun se jiskadi. Fit-tweġiba hemm dawn il-preċiżi kelmiet: "Hija proċedura normali tal-Kunsill li meta jkun wasal biex jiskadi kuntratt dan jitressaq quddiem il-Kunsill....." Fit-tweġiba għall-mistoqsija 8 punt 4 hemm miktub: nikkwota: "Il-Kuntratt li qiegħed jiġi aġġudikat bħalissa....."**

   **Hawn nislet żewġ punti:**

   **(i) Dan ma tressaqx quddiem il-Kunsill jekk mhux qiegħda f' dinja oħra**
   **(ii) Mela jiġi aġġudikat kuntratt li l-Kunsillieri ma jkunux jafu bih? Saqsejt tlett Kunsillieri oħra li bħali ma jafux b' dan.**

   *It-tweġibiet li qegħdha tirreferi għalihom il-Kunsilliera Sammut jirriferu għall-kuntratt tat-tindif taż-żoni urbani. Dan il-kuntratt inħareġ fis-7 ta' Ottubru 2011, fil-leġislatura preċedenti u għalhekk la l-Kunsilliera Sammut jew Kunsilliera oħra ġodda ma kellhom l-ebda opportunita` li jagħtu l-input tagħhom fuq dan it-tender.*

   *Infakkru li f' laqgħa Nru 6., tal-5 ta' Lulju, 2012, is-Sindku qal li "s-Segretarju Eżekuttiv kien qiegħed iħaffef il-proċess fuq struzzjonijiet tiegħu peress li dawn it-tenders kienu ilhom li nħarġu minn Novembru 2011 iżda kien ġie deċiż li jiġu aġġudikati mill-Kunsill il-ġdid peress li l-operat tagħhom kien se jaffetwa lil din il-leġislatura."*

2. **B' referenza għal mistoqsija 4 fejn jien tlabt li l-Kunsillieri nkunu parti attiva fil-finanzi. Il-mistoqsija ġiet imwieġba bil-preċiżi kelmiet: fejn dak li qegħda tirreferi għalih huwa ġa kontemplat fil-liġi bl-Artikli 59(1), 59(2), u 59(3)" iżda b' danakollu suppost li għadhom kemm daħlu fondi ta' Lulju – Settembru u aħna l-Kunsilliera ma ddiskutejna xejn dwar x' se jsir bihom u minnhom!**

   *L-artiklu tal-liġi li qiegħed isir referenza għalih jgħid hekk;*

   *59. (1) Fi tmiem l-ewwel sena tal-kariga tiegħu, Kunsill għandu jħejji u jiddiskuti pjan ta' tliet snin dwar it-tħaddim, il-proġetti u l-finanzi tal-Kunsill sabiex jipprovdu qafas għall-budgets annwali tal-Kunsill.*

   *(2) Il-Kunsill għandu jirrevedi jew jikkonferma l-pjan ta' tliet snin kull sena fil-waqt li jkunu qed jiddiskuti l-budget annwali tiegħu.*

   *(3) Kopji tal-pjanijiet tax-xogħol u tal-finanzi u r-reviżjonijiet tagħhom, għandhom jintbagħtu mis-Segretarju Eżekuttiv lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi fi żmien ġimgħatejn mill-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill.*

*Dan ifisser li l-eżerċizzju li qiegħed isir referenza għalih għandu jsir skond il-liġi fl-aħħar ta' Marzu 2013.*

**3. Ħmieġ mal-faċċata tal-Kunsill Lokali taħt it-twieqi.**

*Il-Kunsill jieħu nota ta' dan l-ilment sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.*

**4. Ħmieġ biswit il-Kunsill Lokali fir-roqgħa ħamrija taħt il-ħajt taċ-ċimiterju; jista jinġieb green warden fis-sigħat ta' filgħodu?**

*Il-Kunsill jieħu nota ta' dan l-ilment sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.*

**5. Hemm telqa kbira fil-bandli tal-infetti.**

*Il-Kunsill Lokali bil-imitazzjonijiet tiegħu ta' riżorsi umani jipprova jara li ssir manutenzjoni kontinwa f' dan il-ġnien sabiex jitneħħa l-periklu għal min jużah. Apparti minn hekk il-Kunsill jieħu ħsieb li darba fis-sena jdur il-bandli, l-ħitan, bankijiet u d-dustbins. Il-bandli jinkinsu kuljum iżda dawn jiġi mħamġa kuljum ukoll minn min ikun fil-ħinijiet tard ta' filgħaxija. Il-Kunsill kemm il-darba talab l-għajnuna tal-Pulizija biex jagħmlu r-ronda f' dawn l-inħawi b' mod regolari ħalli jinqatgħu l-abbużi u l-vandaliżmu.*

*Infakkru wkoll li l-Kunsill applika għal fondi speċjali taħt skema mnedija s-sena l-oħra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex isir l-investiment meħtieġ f' bandli ġodda. Sa issa għad ma hemmx informazzjoni dwar liema Kunsilli Lokali se jingħataw fondi taħt din l-iskema.*

**6. Kemm għandu karozzi mikrija l-Kunsill?**

*Il-Kunsill Lokali għandu leasing agreement ta' vettura waħda biss għall-Kunsill.*

**7. X' sar dwar is-safra taż-żgħażagħ li kella ssir għal Enna?**

*Il-proġett li qegħdha tirreferi għalih il-Kunsilliera Sammut kien parti mill-inizjattiva tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u dan il-proġett kien se jsir biss f' każ li l-proġett tal-Kunsill jiġi magħżul mill-bord tal-għażla. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-proġett li ssottometta l-Kunsill ma ntgħażilx u allura l-proġett, li kien jinkludi l-iskambju taż-żgħażagħ ma' Enna mhux se jsir.*

**8. Veru li Vjal il-Ħelsien se terġa tinqala' minħabba xi difett fit-tqegħid tad-drenaġġ?**

*Il-Kunsill Lokali huwa nfurmat li l-Periti tal-Kunsill ma kellhom l-ebda osservazzjoni fuq il-mod kif tqiegħed id-drenaġġ u dan ix-xogħol ġie ċertifikat bħala li sar tajjeb.*

9. **Kif aħna l-Kunsillieri ma konniex parti fl-għażla tal-arbli tad-dawl fi Vjal il-Ħelsien?**

*It-Tender għax-xogħol kollu li għandu x' jaqsam ma' Vjal il-Ħelsien, inkluż l-arbli, ħareġ f' Ġunju 2011. L-arbli huma parti ntegrali minn dan it-tender kif ukoll parti mid-disinn tat-triq li għamlu l-Periti tal-Kunsill.*

10. **Kif ma konniex nafu li kienu se jsiru dawn l-arbli?**

*Irreferi għat-tweġiba ta' mistoqsija numru 9.*

11. **Min kien dak l-injurant li għażel dawk l-arbli għal triq bħal dik? Jistonaw bil-goff!! Mela mal-arkitettura f' dik it-triq imorru arbli ultra moderni! Għax anki l-blokki tal-appartamenti li telgħu dan l-aħħar għandhom arkitettura tradizzjonali.**
*Irreferi għat-tweġiba ta' mistoqsija numru 9.*

12. **Se jerġa jitwaħħal is-semaforu fi Vjal il-Ħelsien?**

*Skond il-pjanti tat-triq hemm ippjanat li jsiru żewġ pelican lights f' din it-triq.*

13. **Fit-times online ġejna kritikati li se jitneħħew is-siġar fi Vjal il-Ħelsien. Il-palm bit-tip ta' għeruq li għandhom ma jtellgħux il-madum, milli jingħad.**

*1) Is-siġar li tneħħew minn Vjal il-Ħelsien tneħħew minħabba l-ħsara li kienu qegħdin jikkawżaw lir-residenzi kif ukoll lis-sistema ta' drenaġġ f' din it-triq.*

*2) Fil-bini mill-ġdid ta' din it-triq ewlenija ta' Ħaż-Żebbuġ, mhumiex biss is-servizzi tal-ilma u d-drenaġġ li għaddejin minn taħt il-bankina iżda is-servizzi l-oħra wkoll. Għal daqstant ma jistgħux jitħawlu siġar f' konok fil-bankini minħabba li l-ħsara li jikkawżaw l-għeruq.*

*3) Għal daqstant fil-pjanti mħejjija mill-periti hemm previst li jsiru pots minflok siġar matul it-triq.*

14. **F' hiex waslu l-monumenti għat-tabib Philip Muscat u n-nutar Philip Saliba?**

*Il-busti huma lesti. Meta l-Kunsill jeħles il-proġetti kbar li għandu jkun jista jiffoka aktar fuq dan il-proġett ta' skala izgħar.*

15. **Mill-isprall quddiem 147 Triq l-Isqof Caruana ħiereġ ħafna wirdien kbir!**

*Il-Kunsill jieħu nota ta' dan l-ilment sabiex tittieħed l-azzjoni meħtieġa.*

16. **L-isprall quddiem 106 Triq l-Isqof Caruana kollu ħsejjes ma' kull karozza li tgħaddi. Tista' ssir xi ħaġa sew?**

*Il-Kunsill jieħu nota ta' dan l-ilment sabiex tittieħed azzjoni.*

17. **Meta se niltaqgħu għall-bye law tal-monti?**

*Fit-3 ta' Awwissu 2012, is-Segretarju Eżekuttiv kiteb lill-Kunsilliera Roderick Aquilina u Catherine Sammut sabiex flimkien mal-Kunsillier George Cortis tinbeda l-ħidma fuq din il-bye law. Il-Kunsillier Roderick Aquilina nforma lis-Segretarju li kien qiegħed jipprepara abbozz ta' din il-bye law u meta jkun lest ikunu jistgħu jiltaqgħu l-Kunsilliera responsabli mit-tfassil tal-bye law imsemmija.*

18. **Meta se niltaqgħu għall-kors tal-I.C.T.?**

*Sa fejn hu nfurmat il-Kunsill ma sar l-ebda progress fuq din l-inizjattiva.*

19. **Il-karozza taż-żibel: kienet tiġi fis-6.45-7.00am. Bla ebda evviż bdiet tiġi għal xid-9, d-9.15am. Mill-ġdid bla ebda avviż bdiet tiġi xit-7.45a.m., it-8.00 a.m. Jista jkun hemm konsistenza fil-ħinijiet jew talinqas ir-residenti jiġu avżati b' xi tibdil li jista jkun hemm.**

*Il-Kunsill jieħu nota ta' dan l-ilment u se jkellem lill-kuntrattur responsabli.*

20. **Mort il-Kunsill fejn tlabt l-aħħar aġġornament dwar il-kwistjoni tad-djar fi Vjal il-Ħelsien u l-fissura. L-ewwel li smajt kien li ma nistax insir naf għax kollox hu kunfidenzjali. L-għada ngħatajt parti biss mir-rapport, il-parti li saret mill-perit.**

    **Aħna korp pubbliku u allura m' hemm xejn kunfidenzjali, il-Kunsill Lokali hu pubbliku, mhux bħal uffiċċju ta' Avukat jew ta' Nutar, uffiċċju privat u allura jkun hemm il-kunfidenzjalità. Korp pubbliku bħalma hu l-Kunsill m' għandu jkollu xejn kunfidenzjali. Oltre minnhekk aħna l-Kunsillieri għandna dritt naraw kollox sal-inqas punt u virgola.**

    a) **Irrid nara l-aġġornament komplut**
    b) **Nittama li dawn l-affarijiet ma jerġgħux isiru għax allura ma tibqagħli l-ebda għażla ħlief li nersaq aktar 'il fuq.**

    *Huwa mportanti li wieħed jikkjarifika sewwa s-sekwenza tal-avvenimenti kif ġraw li huma daqsxejn differenti minn kif spjegati fil-mistoqsija;*

1) *Il-Kunsilliera Sammut kienet il-Kunsill sabiex tressaq ilmenti oħrajn u fuq il-mejda tal-Kunsill rat kopja tar-rapport tal-Ġeoloġisti bl-isem "Settlement of Foundations of Two Adjacent Buildings in Gate Avenue Zebbug Malta".*

2) *Il-Kunsilliera Sammut talbet li tingħata kopja ta' dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ma setgħax jagħti kopja tar-rapport minħabba li dawn kienu dokumenti sensittivi fi proċeduri legali li kien jidher li se jibdew jittieħdu fil-konfront tal-Kunsill.*

3) *Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għalkemm ma setgħax jagħti kopja tar-rapport, il-Kunsilliera Sammut xorta waħda setgħat taqrah u s-Segretarju Eżekuttiv għadda r-rapport* ***komplut*** *imsemmi lill-Kunsilliera Sammut biex taqrah qabel il-laqgħa tat-2 ta' Awwissu 2012.*

4) *Jekk il-Kunsilliera Sammut trid xi informazzjoni ulterjuri tista titlob din l-informazzjoni u tingħatala iżda fil-każ in kwistjoni hija ngħatat l-informazzjoni kollha li talbet.*

**21. Il-Kuntrattur Bonnici Bros ngħatatlu lura l-garanzija bankarja? Jekk iva, x' kienet ir-reazzjoni tagħhom u meta ngħatatħielhom. Jekk le, għaliex?**

*Il-Kunsill Lokali għadda lura l-garanzija bankarja lill-kumpanija Bonnici Bros permezz ta' cheque datat 13 ta' Lulju 2012 hekk kif deċiż mill-Kunsill Lokali (Ara l-minuti ta' Laqgħa Nru. 6, tal-5 ta' Lulju, Item 6, deċiżjoni Nru 27). Flimkien ma dan ic-cheque il-Kunsill għadd struzzjonijiet speċifici biex il-kuntrattur jibda bix-xogħolijiet skond l-iskeda approvata mill-Kunsill kif ukoll li jerġa jattiva l-garanzija bankarja. Ir-reazzjoni tal-kuntrattur kienet li jerġa' jibda x-xogħolijiet fuq is-servizzi tal-ilma iżda x-xogħolijiet ta' tarmac għadhom ma tkomplewx.*

**22. Meta se jitneħħew l-avviżi skaduti mill-boards ta' ħdejn il-Kunsill? U jixgħelu filgħaxija wkoll!! Telqa kbira indikata!!**

*Dawn l-avviżi nbidlu u tpoġġew riklami tal-attivitajiet li jmiss.*

**Alfred Grixti**
**Sindku**

**Christopher Formosa**
**Segretarju Eżekuttiv**